MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-5 ta' April, 2004

Numru 55555/2004

**Il-Pulizija**

(Spettur Sandro Zarb)

**vs**
**Catiuscia Oliveri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmijha Catiuscia Oliveri, ta’ 26 sena, ta’ nazzjonalita Taljana, bint Domenico u Giuseppa nee’ Aiello, imwielda Catania fit-3 ta’ Awissu 1975 u residenti GT Court C, Flat 4, Triq Carmelo De Lucca, Qawra u detentrici ta’ passaport numru 061145W,
Talli nhar il-5 ta’ Lulju 2002 u/jew fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gzejjer kisret kundizzjoni mifhuma ta’ kull permess

moghti lil xi persuna skond il-paragrafu (b) jew estiz skond il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 6 ta’ l-Att Dwar l-Immigrazzjoni, li dik il-persuna ma ghandix f’Malta tezercita xi professjoni jew xoghol jew kellha jew tkun impjegata minn xi persuna ohra minghajr licenzja minghand il-Ministru responsabli ghall-Immigrazzjoni.
Semghet ix-xhieda bil-gurament.
Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u d-difiza.
Ikkunsidrat,

1. L-Akkuzata hi mixlieha li kisret kundizzjoni fil-permess ta’ xoghol biex tahdem f’Malta, jigifieri ma kellhiex licenzja biex taghmel certu xoghol minghand il-Ministru responsabli ghall-Immigrazzjoni.

2. Jirrizulta li l-akkuzata ghandha permess li taghmel il-gelati mas-socjeta ‘L’Oasi Del Gelato’ gewwa Naxxar. Ta’ din is-socjeta, l-akkuzata li hi ta’ nazzjonalita Taljana, hi ukoll Dirittrici. Fuq il-passaport taghha (fol 17) tal-process hi tista tahdem bhala ‘Ice Cream Maker’. Il-Licenzja li fuqha hi msejsa l-akkuza ma gietx prodotta quddiem il-Qorti. Licenzja li zgur tezisti u li ssemmi liema xoghol tista taghmel l-akkuzata. F’kazijiet bhal dawn kif fisser ix-xhud Micheal Grech huma koncernati il-Ministeru ta’ l-Intern u d-Dipartiment tax-xoghol. Kienet mehtiega x-xhieda minn naha tad-Dipartiment tax-xoghol liema xhieda ma tresqietx (ara fol 43 u fol 45)

3. Fil-5 ta’ Lulju 2002 il-Pulizija ghamlet spezzjonijiet f’Bugibba u l-akkuzata instabet li qed taghmel il-gelat. F’dan il-post is-socjeta taghmel u tbiegh il-gelati. Il-Kumpanija hi registrata fuq n-Naxxar imma x-xoghol u l-bejgh isir Bugibba. Il-Pulizija hasbet li l-akkuzata ma kellha l-ebda permess imma wara irrizultalhom li kellha permess li tahdem il-gelat imma mhux li tbiegh il-gelat. Skond l-akkuzata ghal ‘mezza oretta’ hija bieghet il-gelat ghax sabet ruhha wehidha fil-post zghir fejn isiru l-gelati u minn fejn jinbieghu.

4. Hawnhekk l-ahjar prova ma ngibitx u x-xhieda kontra l-akkuzata hi dghajfa sewwa. Fl-ahjar ipotesi ghall-prosekuzzjoni l-akkuzata ghamlet xi haga li hija biss teknikament kontra l-ligi. Imma dan hu qasam kriminali u l-Qorti trid toqghod fuq il-provi li ngabu, li jridu

jkunu l-ahjar provi u l-Qorti ma tistax taghmel kongenturi. Ma tistax toqghod fuq xhieda ta' nies li jghidu s-solitu isir hekk, jew aktarx huwa hekk.
Billi l-akkuza ma gietx pruvata l-Qorti tillibera lill-akkuzata minn kull htija u kastig.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------